MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1218/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Mario Schiavone**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Schiavone detentur tal-karta tal-identita` numru 400263(M).

Akkuzat talli f'Jannar 2010 u x-xhur ta' wara, f'dawn il-gzejjer;

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn mitejn, u tnejn u tletin

Ewro u 94 centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Rose Jewellery ta' Pjazza Arcisqof Gonzi, Kalkara u ta' Emmanuel Attard (K.I. numru 537248M);

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn mitejn, u tnejn u tletin Ewro u 94 centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-detriment ta' Rose Jewellery ta' Pjazza Arcisqof Gonzi, Kalkara u ta' Emmanuel Attard (K.I. numru 537248M)

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (Dok YF 3) sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, kif ukoll l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-14 ta' Marzu 2011 fejn dan ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Art 308, 309, 310 (b) u 293 u 17h tal-Kap 9 ssib lill-imputat Mario Schiavone hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kap 9 tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospozi ghal sentejn (2). Illi wkoll u ai termini tal-Art 28H tal-Kap 9, il-Qorti tordna lill-imputat li jirrestitwixxi lill-parte civile is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) u dan fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------